ta' l-Informazzjoni, fil-Kamra tar-Rappreżentanti, eċċ. biex iħarsu l-kitba bil-Malti (ortografija, stil, eċċ.) skond dak li hu stabbilit uffiċjalment. Il-kitba tal-Qrati u d-Dipartimenti tal-Gvern għandha tikkonforma ruħha ma' l-ortografija uffiċjali.

3) Titwaqqaf mill-ġdid mill-aktar fis il-kattedra tal-Malti fl-Università u tkun mogħnija u msaħħa bil-personal meħtieġ għall-iżvilupp tal-Malti u għar-riċerka.
4) Ikun hemm xandiriet regolari bir-radjo u t-televiżjoni ta' programmi letterarji/kulturali bil-Malti li jħaddnu wkoll il-kitba tajba bil-Lsien nazzjonali.
5) Il-pubblikazzjoni ta' kotba bil-Malti għandha tingħata prominenza fuq il-mezzi tax-xandir b'reċensjonijiet xierqa.
6) Tingħata spinta lill-kitba bil-Malti, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-kitba għat-tfal.
7) L-istudenti fil-livell sekondarju ma jitħallewx joqogħdu għall-eżami tal-Matrikola fil-Malti qabel ma jkunu temmew il-kors kollu tat-tagħlim sekondarju fil-Ħames Klassi.
8) Titwaqqaf kummissjoni permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex tikkompila u tippubblika kotba xierqa skond prinċipji pedagoġiċi moderni kif ukoll antoloġiji tal-Letteratura Maltija għall-użu fl-iskejjel; tikkommissjona u/jew tagħżel kotba xierqa għall-bibljoteki tal-klassi; tgħin fil-pubblikazzjoni ta' perjodiċi għall-istudenti.
9) Titwaqqaf mill-ġdid mill-aktar fis u b'mod serju l-Kummissjoni għat-Tqassim ta' Sussidji lil pubblikazzjonijiet bil-Malti li toffri sussidji xierqa għal żmienna; f'din il-kummissjoni jixraq li jkun hemm bħal fl-imgħoddi membru maħtur mill-Akkademja tal-Malti.
10) Jinħatar kumitat permanenti uffiċjali li jħaddan persuni esperti li jieħu ħsieb li l-kliem tekniku u ieħor li dieħel fil-Malti jingħata l-forma Maltija li għandha tintuża skond prinċipji ġà stabbiliti; l-Akkademja ilha tħoss il-ħtieġa ta' kumitat uffiċjali bħal dan, imma biex aktar jirnexxi u jittieħed bis-serjetà mill-mezzi tax-xandir, mill-ġurnali u mill-perjodiċi, mill-pubblikaturi u l-istampaturi, l-Akkademja tissuġġerixxi l-għoti ta' inċentiv għal min jikkonforma ruħu mill-aħjar kif inhu xieraq.
11) Waqt li l-Akkademja tal-Malti tapprezza l-appoġġ morali li dejjem irċeviet mill-awtorità kompetenti, madankollu fid-dawl ta' l-esperjenza twila tagħha bħala l-għaqda kulturali l-aktar anzjana li ħadmet għall-interessi leġittimi ta' Lsienna titlob mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni għajnuna finanzjarja xierqa li tħaffilha l-pubblikazzjoni ta' *Il-Malti*.

## Mill-Parlament

### MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

*Mistoqsija Parlamentari Numru 6890/5/546*

### GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

6890. L-ONOR JIMMY FARRUGIA: Isaqsi lill-Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u ta' l-Edukazzjoni.

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja, m'għadhiex tingħata sussidju annwali li sa ftit ilu kienet tingħata?



Ma jidhirlux il-Prim Ministru li għaqdiet letterarji u kulturali għandhom jingħataw għajnuna ta' din ix-xorta?

(24/3/86)

*Tweġiba*

**Ma jirriżultalix li sa ftit ta' żmien ilu ngħata s-sussidju msemmi.**

**Ma naqbilx li bħala regola għaqdiet letterarji u kulturali jingħataw sussidju annwali. L-għajnuna għandha tingħata fejn hemm bżonn, barra s-siwi.**

*TWEĠIBA MOGĦTIJA: 30/4/86*

---

### MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

*Mistoqsija Parlamentari Numru 6891/5/547*

### SUSSIDJI LILL-AWTURI

6891. L-ONOR JIMMY FARRUGIA: Isaqsi lill-Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u ta' l-Edukazzjoni.

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li m'għadhomx jingħataw is-sussidji li kienu jingħataw kull sena lill-awturi li jkunu ħarġu kotba matul is-sena konċernata?

(24/3/86)

*Tweġiba*

**Ma jinħassx aktar il-bżonn ta' l-għoti tas-sussidji msemmija.**

*TWEĠIBA MOGĦTIJA: 30/4/86*

---

### MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

*Mistoqsija Parlamentari Numru 7128/5/574*

### RIĊERKA FUQ IL-LINGWA MALTIJA

7128. L-ONOR JIMMY FARRUGIA: Isaqsi lill-Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u ta' l-Edukazzjoni.

Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern sponsorjax riċerka fuq il-lingwa Maltija?

(21/4/86)

*Tweġiba*

**L-Università, għall-aħħar 40 sena, sponsorjat kontinwament ir-riċerka fl-ilsien Malti. F'dan iż-żmien kien hemm ukoll kontributi fil-qasam tal-letteratura Maltija.**

*TWEĠIBA MOGĦTIJA: 21/5/86*